MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 67

20 ta' Marzu 2012

Minuti tas-Seduta Nru. 67 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta 20 ta' Marzu 2012.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha. Il-Kunsillier C. Bartolo kien preżenti mill-bidu tas-seduta sa item 6.1 wara li talab jiġi skużat minħabba inpenn ieħor.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Is-Sindku rrefera għall-minuta 7.4. **(Ref: A/5/3/1/Vol XII)** tat-tieni parti tas-seduta preċedenti u talab li tinqara kif ġej:

*"7.4. Sar suġġeriment ieħor min-naħa tas-Sindku fis-sens li l-preżentazzjoni tal-medalji tar-Rikonoxximent għandu jsir fil-bidu tas-serata, filwaqt li l-insigna tal-Ġieħ titħalla għall-iktar tard fis-serata.".*

1.2. Il-Kunsill approva l-minuti taż-żewġ partijiet tas-Seduta Nru. 66, bl-emenda proposta aktar 'il fuq, kif wkoll li l-istess minuti għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku www.gov.mt.

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Preżentazzjoni tal-Istqarrijiet Finanzjarji 2011 (F/1/2/Vol VIII)

2.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 7.10. tal-ewwel parti tas-seduta preċedenti dwar somma dovuta bħala *sponsorship* lill-Kunsill minn Vodafone Ltd. Huwa qal illi rriżulta li s-somma in kwistjoni kienet fil-fatt tħallset fl-2008.

2.1.3. Is-Segretarju spjega li dan ġara billi kien inħareġ kont lid-ditta msemmija. Meta Vodafone ħallsu l-ammont dovut, dan iddaħħal fil-kotba bħala *bank receipt* u ma nqatax kontra l-kont li kien inħareġ, bir-riżultat li l-kont baqa' jidher pendenti. Is-Sur C. Debono għarraf li saru l-aġġustamenti meħtieġa fil-kotba.

2.1.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.2.1. Proġett Park tal-Familja (P/4/6/Vol V)

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.1.1. tat-tieni parti tas-seduta preċedenti u aġġorna lill-Kunsill bl-iżviluppi li kien hemm. Huwa kompla jgħid li qed jittieħed parir dwar id-*ducting* meħtieġ sabiex aktar 'il quddiem issir sistema ta' CCTV. B'rabta mas-siġurta` tal-post qed isiru kuntatti mal-Industrial Projects and Services Ltd, bil-għan li jinstabu persuni li jkunu jistgħu jindokraw il-kumpless, anke f'dak li huwa ġardinaġġ. Mill-kuntatti li saru jidher li l-IPSL normalment tkopri parti mill-ispiża, filwaqt li x-xogħol fil-btajjel pubbliċi u l-Ħdud trid tagħmel tajjeb għalihom l-entita` li titlob is-servizz.

2.2.3. Is-Sur R. Cutajar għarraf li fis-17 ta' Marzu 2012, tħawwlu 220 siġra minn delegati Ġermaniżi li kienu qed jattendu konferenza f'Malta, liema attivita` seħħet taħt l-iskema 34U imnedija mill-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, kif ukoll bl-involviment tal-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu.

2.2.4. Saret referenza wkoll għall-talbiet dwar kumpens mill-bdiewa li tteħdilhom raba f'Tal-Ibrag b'rabta mal-Park tal-Familja, liema talbiet kienu saru oriġinarjament permezz ta' ittra mit-Taqsima Proprjeta` tal-Gvern tat-30 ta' Settembru 2011. Is-Sindku qal li permezz ta' ittra oħra datata 14 ta' Marzu 2012 l-istess taqsima fakkret f'waħda biss minn dawn it-talbiet - dik li tammonta għal €7,974.60.

2.2.5. Is-Sindku għarraf li din it-talba mhix aċċettabbli bil-mod kif saret, għar-raġuni li rappreżentant tal-Kunsill ma kienx preżenti waqt l-ispezzjonijiet li saru mill-uffiċjali tad-Dipartiment tal-Agrikoltura qabel saru l-istimi, u huwa ferm dubjuż kemm fil-fatt kienu jeżistu l-prodotti li qed isir it-talba fuqhom. Huwa qal ukoll li jeżistu ritratti li ttieħdu mill-ħaddiema tat-Taqsima tax-Xogħlijiet qabel beda x-xogħol, fejn jidher ċar li ma kienx hemm il-kwantitajiet indikati fit-talba in kwistjoni.Is-Sur R. Cutajar kompla jgħid li huwa fatt magħruf li kienet qed issir trobbija ta' bhejjem mingħajr il-permess tad-Dipartiment tal-Agrikoltura, fi kmamar li ukoll kienu mingħajr il-permess tal-MEPA. Fil-fatt sar intervent mill-Pulizija tal-*Administrative Law Enforcement* u uffiċjali mid-Dipartiment tal-Agrikoltura biex jitneħħew l-istess bhejjem.

2.2.6. Il-Kunsill qabel li m'għandu jingħata ebda kumpless fin-nuqqas ta' provi konkreti dwar l-eżistenza prodotti li dwarhom saret it-talba.

## 2.3.1. Attivitajiet marbuta ma' Jum il-Kunsill 2012 (A/5/3/1/Vol XII)

2.3.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 9.1. tal-ewwel parti tas-seduta preċedenti u kkummenta li kien sodisfatt bil-parteċipazzjoni tal-pubbliku fl-istess attivitajiet, partikularment għas-serata li fiha jew ippreżentati l-onorefiċenzi fit-2 ta' Mejju 2012. Is-Sur R. Cutajar aċċenna wkoll għaż-żjara li għamel l-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea fl-4 ta' Marzu 2012, li ttieħed jara s-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa u wara kixef il-monument li jfakkar is-sħubija tal-Mellieħa bħala *European Destination of Excellence*. Huwa żar ukoll l-uffiċċju tal-Kunsill u ffirma l-ktieb tal-viżitaturi.

2.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.4.1. Proġett ta' tisbiħ f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II (P/4/20/Vol III)

2.4.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.2.2. tas-seduta preċedenti dwar artiklu li deher fil-ħarġa tal-gazzetta "Il-Mellieħa" ta' Frar 2012 paġna 10, fejn intqal li s-siġar tal-ficus li nqalgħu minn Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II kellhom 'il fuq minn mitt sena. Is-Sur R. Cutajar qal li kkuntattja lill-editur, li min-naħa tiegħu skuża ruħu għall-ineżattezza li kien hemm dwar l-eta` tas-siġar in kwistjoni, u fil-fatt għamel nota ta' korrezzjoni dwar dan fl-istess gazzetta.

2.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.5.1. Arrangamenti tat-traffiku temporanji waqt ir-rikostruzzjoni ta' Dawret il-Mellieha u introduzzjoni ta' *one-ways* bi prova fit-toroq ewlenin, fi Triq is-Santwarju u Triq Ġnien Ingraw (T/3/3/Vol IV)(T/5/1/Vol II)

2.5.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.5.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-Arriva Malta Ltd kienet qed tagħmel pressjoni fuq Transport Malta sabiex ir-rotot 221 u 222 jgħaddu minn Triq Ġorġ Borg Olivier u Triq il-Kbira fiż-żewġ direzzjonijiet.

2.5.3. Is-Sur R. Cutajar qal ukoll li l-ammont tat-traffiku qed ikun tant kbir, partikularment fil-ħdud, li qed jinħoloq inkonvenjent u periklu, b'mod speċjali għar-residenti fiż-żoni ta' wara l-knisja u ta' Ġnien Ingraw. Dan għaliex ħafna sewwieqa qed jippreferu jgħaddu mill-qalba tal-Mellieħa minflok jduru għal Tal-Prajjet. Fl-assenza ta' *enforcement officers* ta' Transport Malta li kienu fuq azzjoni ndustrijali, huwa ppropona li l-Kunsill iqabbad Pulizija sabiex jidderieġi t-traffiku lejn Tal-Prajjet. Is-Sindku saħaq li sfortunatament, il-Kunsill qed jingħata r-responsabilta` tan-nuqqasijiet ta' Transport Malta f'dan ir-rigward.

2.5.4. Ġie deċiż illi għandu jintalab Pulizija, li jitħallas mill-fondi tal-Kunsill, fil-Ħdud bejn is-6.00pm u l-10.00pm, sakemm tinfetaħ parzjalment Dawret il-Mellieħa.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 15/03/12;
- Skeda ta' Pagamenti – 09/02/12 – 15/03/12;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 07/02/12 – 12/03/12;
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;
- Rendikont Finanzjarju – Ottubru – Diċembru 2011;
- Minuti – *Tender Adjudiciation Board* – 29/02/12;
- Minuti – *Tender Adjudication Board* – 13/03/12.

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. *Bus shelter* f'Għajn Tuffieħa (B/6/Vol V)

4.1.2. Saret referenza għal ittra datata 28 ta' Frar 2012, mibgħuta mill-MEPA fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li nħareġ il-permess PA 4122/10 dwar il-*bus shelter* ta' Triq in-Naħħalija, kantuniera mat-triq li tagħti lejn ir-Ramla tal-Mixquqa. Peress li l-*bus shelter* diġa sar fuq il-post, l-MEPA imponiet multa ta' €1,537.44. Is-Segretarju staqsa dwar jekk din il-multa għandiex titħallas mill-Kunsill, jew minn Faces Consultants Ltd, li fil-fatt waħħlu l-*bus shelter* mingħajr ma kien hemm permess u fil-fatt qed jirreklamaw fuqu.

4.1.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li dawn l-ispejjeż għandhom jitħallsu mid-ditta msemmija minħabba r-raġunijiet imsemmija.

### 4.2.1. Trobbija tan-naħal f'Selmun (A/6/8)

4.2.2. Inqrat ittra datata 25 ta' Frar 2012, mibgħuta mill-Assoċjazzjoni Maltija tal-Apikultura fejn talbu li jingħataw spazju fl-inħawi tal-Imġiebaħ, bil-għan li l-istess assoċjazzjoni tuża dawn il-postijiet bħala attrazzjoni għall-pubbliku. Qed jipproponu wkoll li joffru esperjenza edukattiva dwar il-ġid li jagħmel in-naħal fl-istaġun tas-sagħtar, filwaqt li lesti jinvestu f'*observation area* fejn il-pubbliku, b'mod speċjali t-tfal tal-iskejjel jkunu jistgħu jaraw in-naħal jaħdem minn wara l-ħġieġ.

4.2.3. Il-Kunsillier J. Azzopardi kkummenta li waħda mill-imġiebaħ antiki li jeżistu fiż-żona - dik li mhux inkluża fil-*heritage trail* - jista' jkun li tinsab fi proprjeta` privata.

4.2.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandhom jsiru kuntatti mal-assoċjazzjoni bis-sehem tal-Fundazzjoni Arkeo, li ser tkun involuta fit-tmexxija tal-*heritage trail* f'Selmun u l-Imġiebaħ.

### 4.3.1. Talba għad-danni wara nċident fi Triq il-Miżieb (D/5/Vol II)

4.3.2. Saret referenza għal talba datata 27 ta' Frar 2012, mibgħuta minn Valerie Micallef fejn tablet il-ħlas tad-danni li jammontaw €138.00, li hija sofriet wara li għaddiet minn ħofra li kien hemm fit-triq tal-Miżieb fil-11 ta' Frar 2012. Hija għaddiet ritratti, kont tat-tiswijiet li jkopru t-tiswijiet fuq il-vettura tagħha, kif ukoll rapport li sar fl-Għassa tal-Pulizija tal-Qawra fl-1 ta' Marzu 2012. Is-Segretarju qal illi wara li sar dan ir-rapport, huwa mar fuq il-post il-post sabiex jikkonferma dan ir-rapport u fil-fatt talab li tissewwa l-ħsara li jien hemm fit-triq.

4.3.3. Il-Kunsill approva l-ħlas tal-ammont mitlub.

### 4.4.1. Servizzi Soċjali mogħtija mill-Uffiċċji tal-Kunsilli Lokali (K/1/3/Vol II)

4.4.2. Is-Sindku rrefera għall-ittra datata 8 ta' Marzu 2012, mibgħuta mid-Dipartiment tas-Siġurta` Soċjali, fejn sar magħruf li l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa ġie magħżul biex minnu jkunu jista' jingħata servizz lill-komunita` minn uffiċjali tal-istess Dipartiment li jattendu f'ċerti ġranet u ħinijiet matul il-ġimgħa. Il-Kunsill ġie mgħarraf li ser issir laqgħa ma' uffiċjali tal-istess Dipartiment fis-26 ta' Marzu, fejn ser jingħataw aktar dettalji.

4.4.3. Il-Kunsill qabel li għandu jissieħeb f'din l-inizjattiva.

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 15 ta' Marzu 2012.

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-iskeda.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta' Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet Skeda ta' Pagamenti mitluba bejn id-9 ta' Frar u l-15 ta' Marzu 2012.

6.3. Tressqet ukoll Skeda ta' Infieq li sar permezz tal-*Petty Cash* bejn is-7 ta' Frar u t-12 ta' Marzu 2012.

6.4. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha inklużi fl-iskedi mressqa u għalhekk ġew iffirmati. Kien hemm qbil ukoll li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku www.gov.mt.

## 7.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku illi tgħid:

**"Billi saret sejħa għall-offerti (5/2011) skont l-artiklu 40 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) u r-Regolamenti dwar Offerti lill-Kunsilli Lokali - Avviż Legali 255 tal-2009, bil-għan li jiġi fornut u mqiegħed fil-post *rubber flooring* in konnessjoni mat-twettieq tat-Tieni Fażi tal-Proġett Park tal-Familja f'Tal-Ibraġ;**

**Billi l-offerti li ġew sottomessi sad-data tal-għeluq ġew evalwati mill-*Tender Adjudication Board* wara rapport tekniku tal-perit inkarigat mill-proġett, skont kif jidher fil-minuti tal-istess Bord tat-13 ta' Marzu 2012;**

**Billi fl-Estimi għas-sena Finanzjarja 2012 hemm ivvutata somma biżżejjed sabiex tkopri l-proġett imsemmi (Vot 7505);**

**Il-Kunsill jirriżolvi illi għandu jiġi ffirmat kuntratt mal-kumpanija 240 Ltd, skont ir-rati ndikati fis-sottomissjonijiet li saru mill-offerent imsemmi. ". (P/4/6/Vol III)**

7.2. Ir-riżoluzzjoni għaddiet b'mod unanimu minn fost il-kunsillieri preżenti, wara li ġiet issekondata mill-Kunsillieri J. Buttigieg.

## 8.1. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku li tgħid:

**"Billi saret sejħa għall-offerti (7/2011) skont l-artiklu 40 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) u r-Regolamenti dwar Offerti lill-Kunsilli Lokali - Avviż Legali 255 tal-2009, bil-għan li tiġi fornuta u nstallata sistema ta' pannelli fotovoltaiċi fi Ġnien Dun Anton Debono f'Tal-Ibraġ;**

**Billi l-offerti li ġew sottomessi sad-data tal-għeluq ġew evalwati mill-*Tender Adjudication Board* wara rapport tekniku mill-inġinier inkarigat mill-proġett, skont kif jidher fil-minuti tal-istess Bord tat-13 ta' Marzu 2012;**

**Billi fl-Estimi għas-sena Finanzjarja 2012 hemm ivvutata somma biżżejjed sabiex tkopri l-proġett imsemmi (Vot 7521), filwaqt li l-Kunsill ġie allokat €3,300 taħt l-Iskema dwar Enerġija Nadifa (Memo 10/2010), skont ittra mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali datata 21 ta' Marzu 2011;**

**Il-Kunsill jirriżolvi illi għandu jiġi ffirmat kuntratt mal-kumpanija Alberta Fire & Security Ltd, skont ir-rati ndikati fis-sottomissjonijiet li saru mill-istess offerent. ". (P/4/24)**

8.2. Ir-riżoluzzjoni għaddiet b'mod unanimu minn fost il-kunsillieri preżenti wara li l-mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier J. Buttigieg.

## 9.1. Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier J. Buttigieg li tgħid:

**"Billi saret sejħa għall-offerti (9/2011) skont l-artiklu 40 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) u r-Regolamenti dwar Offerti lill-Kunsilli Lokali - Avviż Legali 255 tal-2009, bil-għan li jiġi fornut u mqiegħed fuq il-post *safety fencing* madwar żewġ naħat ta' Ġnien il-Qigħan fi Triq Qasam Barrani u hekk titjib is-sigurta` fl-istess ġnien;**

**Billi l-offerti li ġew sottomessi sad-data tal-għeluq ġew evalwati mill-*Tender Adjudication Board* wara rapport tekniku mill-inġinier inkarigat mill-proġett, skont kif jidher fil-minuti tal-istess Bord tad-29 ta' Frar 2012;**

**Billi fl-Estimi għas-sena Finanzjarja 2012 hemm ivvutata somma biżżejjed sabiex tkopri l-proġett imsemmi (Vot 7525);**

**Il-Kunsill jirriżolvi illi għandu jiġi ffirmat kuntratt mal-kumpanija 240 Ltd, skont ir-rati ndikati fis-sottomissjonijiet li saru mill-istess offerent. ". (P/2/1)**

9.2. Ir-riżoluzzjoni għaddiet b'mod unanimu minn fost il-kunsillieri preżenti wara li l-mozzjoni ġiet issekondata mis-Sindku R. Cutajar.

10.1. Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier J. Buttigieg li tgħid:

**"Billi saret sejħa għall-offerti (10/2011) skont l-artiklu 40 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) u r-Regolamenti dwar Offerti lill-Kunsilli Lokali - Avviż Legali 255 tal-2009, bil-għan li tiġi rinovata l-installazzjoni elettrika ta' Ġnien il-Qigħan fi Triq Qasam Barrani;**

**Billi l-offerti li ġew sottomessi sad-data tal-għeluq ġew evalwati mill-*Tender Adjudication Board* wara rapport tekniku mill-inġinier inkarigat mill-proġett, skont kif jidher fil-minuti tal-istess Bord tad-29 ta' Frar 2012;**

**Billi fl-Estimi għas-sena Finanzjarja 2012 hemm ivvutata somma biżżejjed sabiex tkopri l-proġett imsemmi (Vot 7525);**

**Il-Kunsill jirriżolvi illi għandu jiġi ffirmat kuntratt mal-offerent Bonnici Group, skont ir-rati ndikati fis-sottomissjonijiet li saru mill-istess offerent. ". (P/2/1)**

10.2. Ir-riżoluzzjoni għaddiet b'mod unanimu minn fost il-kunsillieri preżenti wara li l-mozzjoni ġiet issekondata mill-Viċi Sindku E. Bartolo.

11.1. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku E. Bartolo illi tgħid:

**"Billi permezz tal-Programm dwar l-Iżvilupp Rurali ta' Malta 2007-2013, iffinanzjat mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, ġiet allokata s-somma ta' €576,171 taħt il-Miżura 313, bil-għan li jinħoloq *heritage trail* f'Selmun u l-Imġiebaħ;**

**Billi skont il-ftehim iffirmat mal-Aġenzija tal-Pagamenti fi ħdan il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, għandu jsir restawr, konservazzjoni, kostruzzjoni u xogħol ta' inġinerija ċivili marbut ma': (a) Ċentru ta' Informazzjoni u xogħlijiet relatati; (b) Xogħol relatat ma' arkitettura, mekkaniku u ta' inġinerija; (ċ) Restawr ta' Strutturi u Xogħlijiet relatati; u (d) Titjib ta' Aċċess u Xogħlijiet relatati; u**

**Billi saret sejħa għall-offerti (2/2012) skont ir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali (Offerti) (Avviż Legali 157 tal-1993) u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (Avviż Legali 177 tal-2005) sabiex jitwettaq ix-xogħol imsemmi, kif ukoll saret l-evalwazzjoni mit-*Tender Adjudication Board* tat-tliet offerti li sussegwentement saru;**

**Il-Kunsill jirriżolvi li l-kuntratt illi jipprovdi għal dan ix-xogħol għandu jigi ffirmat mal-offerent Salamanda Ltd, skont il-kundizzjonijiet inklużi fid-dokument tal-offerta.". (P/10/3/Vol III)**

11.2. Ir-riżoluzzjoni għaddiet b'mod unanimu minn fost il-kunsillieri preżenti wara li l-mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier J. Azzopardi.

12.1. Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Patrick Cutajar illi tgħid:

**"Billi permezz tal-Programm dwar l-Iżvilupp Rurali ta' Malta 2007-2013, iffinanzjat mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, ġiet allokata s-somma ta' €576,171 taħt il-Miżura 313, bil-għan li jinħoloq *heritage trail* f'Selmun u l-Imġiebaħ;**

**Billi skont il-ftehim iffirmat mal-Aġenzija tal-Pagamenti fi ħdan il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, għandu jsir restawr, konservazzjoni, kostruzzjoni u xogħol ta' inġinerija ċivili marbut ma': (a) Pavimentar, ħolqien ta' passaġġi u interventi oħra; u (b) Tabelli informattivi u xogħol relatat; u**

**Billi saret sejħa għall-offerti (3/2012) skont ir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali (Offerti) (Avviż Legali 157 tal-1993) u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (Avviż Legali 177 tal-2005) sabiex jitwettaq ix-xogħol imsemmi, kif ukoll saret l-evalwazzjoni mit-*Tender Adjudication Board* tat-tliet offerti li sussegwentement saru;**

**Il-Kunsill jirriżolvi li l-kuntratt illi jipprovdi għal dan ix-xogħol għandu jigi ffirmat mal-offerent Salamanda Ltd, skont il-kundizzjonijiet inklużi fid-dokument tal-offerta.". (P/10/3/Vol III)**

12.2. Ir-riżoluzzjoni għaddiet b'mod unanimu minn fost il-kunsillieri preżenti wara li l-mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier J. Azzopardi.

### 13.1. Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Hilary Fenech illi tgħid:

**"Billi permezz tal-Programm dwar l-Iżvilupp Rurali ta' Malta 2007-2013, iffinanzjat mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, ġiet allokata s-somma ta' €330,001 taħt il-Miżura 323, bil-għan li jinħoloq *heritage trail* f'Selmun u l-Imġiebaħ;**

**Billi skont il-ftehim iffirmat mal-Aġenzija tal-Pagamenti fi ħdan il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, għandu jsir restawr, konservazzjoni, kostruzzjoni u xogħol ta' inġinerija ċivili marbut ma': arkitettura, mekkaniku u ta' inġineri ja; u**

**Billi saret sejħa għall-offerti (4/2012) skont ir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali (Offerti) (Avviż Legali 157 tal-1993) u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (Avviż Legali 177 tal-2005) sabiex jitwettaq ix-xogħol imsemmi, kif ukoll saret l-evalwazzjoni mit-*Tender Adjudication Board* tat-tliet offerti li sussegwentement saru;**

**Il-Kunsill jirriżolvi li l-kuntratt illi jipprovdi għal dan ix-xogħol għandu jigi ffirmat mal-offerent Salamanda Ltd, skont il-kundizzjonijiet inklużi fid-dokument tal-offerta.". (P/10/3/Vol III)**

13.2. Ir-riżoluzzjoni għaddiet b'mod unanimu minn fost il-kunsillieri preżenti wara li l-mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier J. Azzopardi.

### 14.1. Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Joseph Azzopardi illi tgħid:

**"Billi permezz tal-Programm dwar l-Iżvilupp Rurali ta' Malta 2007-2013, iffinanzjat mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, ġiet allokata s-somma ta' €330,001 taħt il-Miżura 323, bil-għan li jinħoloq *heritage trail* f'Selmun u l-Imġiebaħ;**

**Billi skont il-ftehim iffirmat mal-Aġenzija tal-Pagamenti fi ħdan il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, għandu jsir restawr, konservazzjoni, kostruzzjoni u xogħol ta' inġinerija ċivili marbut ma': (a) Restawr u konservazzjoni ta' strutturi rurali u tat-Tieni Gwerra Dinjija; (b) Titjib ta' aċċess għal strutturi rurali u tat-Tieni Ġwerra Dinjija; u (ċ) Xogħol ta' inġinerija ċivili sabiex jinħoloq ċentru ta' informazzjoni u *heritage trail*; u**

**Billi saret sejħa għall-offerti (5/2012) skont ir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali (Offerti) (Avviż Legali 157 tal-1993) u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (Avviż Legali 177 tal-2005) sabiex jitwettaq ix-xogħol imsemmi, kif ukoll saret l-evalwazzjoni mit-*Tender Adjudication Board* tat-tliet offerti li sussegwentement saru;**

**Il-Kunsill jirriżolvi li l-kuntratt illi jipprovdi għal dan ix-xogħol għandu jigi ffirmat mal-offerent Salamanda Ltd, skont il-kundizzjonijiet inklużi fid-dokument tal-offerta.". (P/10/3/Vol III)**

14.2. Ir-riżoluzzjoni għaddiet b'mod unanimu minn fost il-kunsillieri preżenti wara li l-mozzjoni ġiet issekondata mill-Viċi Sindku E. Bartolo.

### 15.1. Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Joseph Azzopardi illi tgħid:

**"Billi permezz tal-Programm dwar l-Iżvilupp Rurali ta' Malta 2007-2013, iffinanzjat mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, ġiet allokata s-somma ta' €330,001 taħt il-Miżura 323, bil-għan li jinħoloq *heritage trail* f'Selmun u l-Imġiebaħ;**

**Billi skont il-ftehim iffirmat mal-Aġenzija tal-Pagamenti fi ħdan il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, għandu jsir restawr, konservazzjoni, kostruzzjoni u xogħol ta' inġinerija ċivili marbut ma': (a) Provista u twaħħil fil-post ta' tabelli informattivi; u (b) Kostruzzjoni ta' pavimentar, indikazzjoni ta' *heritage trail* u faċilitajiet anċillari; u**

**Billi saret sejħa għall-offerti (6/2012) skont ir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali (Offerti) (Avviż Legali 157 tal-1993) u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (Avviż Legali 177 tal-2005) sabiex jitwettaq ix-xogħol imsemmi, kif ukoll saret l-evalwazzjoni mit-*Tender Adjudication Board* tat-tliet offerti li sussegwentement saru;**

**Il-Kunsill jirriżolvi li l-kuntratt illi jipprovdi għal dan ix-xogħol għandu jigi ffirmat mal-offerent Salamanda Ltd, skont il-kundizzjonijiet inklużi fid-dokument tal-offerta.". (P/10/3/Vol III)**

15.2. Ir-riżoluzzjoni għaddiet b'mod unanimu minn fost il-kunsillieri preżenti wara li l-mozzjoni ġiet issekondata mill-Viċi Sindku E. Bartolo.

## 16.1. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku illi tgħid:

**"Billi saret sejħa għall-offerti (7/2012) skont l-artiklu 40 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) u r-Regolamenti dwar Offerti lill-Kunsilli Lokali - Avviż Legali 255 tal-2009, bil-għan li jsiru xogħlijiet ta' tisbiħ u titjib fis-sigurta` fil-*Playing Field* ta' Triq l-Erwieħ;**

**Billi ż-żewġ offerti sottomessi sad-data tal-għeluq ġew evalwati mill-*Tender Adjudication Board* wara li ra r-rapport tekniku tal-perit inkarigat mill-proġett, skont kif jidher fil-minuti tal-istess Bord tat-13 ta' Marzu 2012;**

**Billi fl-Estimi għas-sena Finanzjarja 2012 hemm ivvutata somma biżżejjed sabiex tkopri l-proġett imsemmi (Vot 7519), filwaqt li ser tiġi sottomessa talba lill-MEPA bil-għan li l-ispiża tal-proġett tiġi rkuprata mill-Fond għat-Titjib Urban (*UIF*);**

**Il-Kunsill jirriżolvi illi għandu jiġi ffirmat kuntratt mal-kumpanija Homeworxs Plus Ltd, skont ir-rati ndikati fis-sottomissjonijiet li saru mill-offerent imsemmi. ".(P/4/14)**

16.2. Kif għamel fil-laqgħa tat-*Tender Ajdudication Board* imsemmija fil-mozzjoni, is-Sindku R. Cutajar reġa' iddikjara li huwa għandu parentela (kuġin) mad-direttur ta' Homeworxs Plus Ltd u għalhekk ma kienx ser jipparteċipa fid-diskussjoni li twassal għal xi deċiżjoni li tista' tittieħed fuq dan is-suġġett. Huwa fakkar li anke waqt il-laqgħa tal-Bord, huwa rtira mil-laqgħa, li t-tmexxija tagħha għaddiet f'idejn il-Viċi Sindku E. Bartolo.

16.3. Ir-riżoluzzjoni għaddiet b'mod unanimu minn fost il-kunsillieri preżenti bl-astensjoni tas-Sindku, wara li l-mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier J. Azzopardi.

16.4. Il-Sindku għarraf li huwa ġie kkuntattjat minn ulied il-pittur George Fenech, li miet fil-21 ta' Awwissu 2011, u saritlu proposta sabiex jinstab post fejn jista' jitqiegħed bust ta' missierhom. L-abbozz tiegħu huwa lest u jeħtieġ li jsir wieħed tal-bronż. Is-Sur R. Cutajar issuġġerixxa li dan isir għas-spejjeż tal-Kunsill u jitpoġġa fil-*Playing Field* ta' Triq l-Erwieħ, li forsi wkoll tista' tissemma' għalih.

16.5. Il-Kunsill laqa' il-proposta.

## 17.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku illi tgħid:

**"Billi saret sejħa għall-offerti (8/2011) skont l-artiklu 40 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) u r-Regolamenti dwar Offerti lill-Kunsilli Lokali - Avviż Legali 255 tal-2009, bil-għan li jsiru xogħlijiet ta' tisbiħ f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II;**

**Billi l-unika offerta sottomessa sad-data tal-għeluq ġiet evalwata mill-*Tender Adjudication Board* wara li ra r-rapport tekniku tal-perit inkarigat mill-proġett, skont kif jidher fil-minuti tal-istess Bord tat-13 ta' Marzu 2012;**

**Billi fl-Estimi għas-sena Finanzjarja 2012 hemm ivvutata somma ta' €407,677 (Vot 7510), sabiex tkopri l-proġett imsemmi, liema ammont ser jiġi rkuprat bis-saħħa ta' għotja approvata mis-Segretarjat Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni**

**Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika, permezz tal-Vot Nru. 5569 – *Local Councils' Special Initiatives*, skont ittra datata 29 ta' Diċembru 2011;**

**Il-Kunsill jirriżolvi illi għandhom jsiru kuntatti bejn l-offerent Central Asphalt Ltd u l-perit inkarigat mill-proġett, bil-għan li tiġi evalwata l-ħtieġa ta' ċerti xogħlijiet proviżorji inklużi fil-*bill of quantities* bl-iskop ewlieni li titnaqqas l-ispiża finali b'tali mod li tinġieb fil-limiti tas-somma allokata fl-estimi għas-sena 2012. ".**
**(P/4/20/Vol III)**

17.2. Is-Sindku aċċenna li fil-*bill of quantities* kien hemm xogħlijiet li mhux neċessarjament jsiru u għalhekk ippropona li għandha ssir laqgħa bejn il-perit u mal-uniku offerent li wieġeb għal din is-sejħa, bil-għan li jiġu identifikati dawk l-*items* li jistgħu jitneħħew u jitnaqqsu l-kwantitajiet tagħhom, ħalli ssir reviżjoni tal-istima dwar il-proġett. B'dan il-mod, is-somma ta' €465,318, kkwotata fl-offerta ta' Central Asphalt Ltd tkun tista' tinġieb aktar qrib l-estimi approvati - €407,677.

17.3. Ir-riżoluzzjoni għaddiet b'mod unanimu, u minn fost il-kunsillieri preżenti wara li l-mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier J. Buttigieg. Il-Kunsill awtorizza wkoll l-ħruġ ta' l-ittra tal-aċċettazzjoni u l-iffirmar tal-kuntratt relattiv.

## 18.1. Rendikont Finanzjarju – Ottubru / Diċembru 2011 (F/1/1/Vol II)

18.2. Is-Segretarju rrefera għar-rendikont li tqassam lill-Kunsillieri qabel is-seduta u kopja tiegħu ġiet mehmuża ma' dawn il-minuti.

18.3. Billi ma kienx hemm mistoqsijiet dwar ir-rendikont imressaq mis-Segretarju, Kunsill qabel li dan id-dokument għandu jiġi ppubblikat fis-sit elettroniku www.gov.mt kif ukoll mgħoddi lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika.

## 19.1. PA 6521/07 - Bini ta' *sub-station* fir-Ramla tat-Torri l-Abjad (P/5/8/A)

19.2. Is-Sindku R. Cutajar irrefera għall-ħarġa Nru. 37, Jannar 2012 - tal-fuljett ppubblikat minn Armier Developments Ltd ta', fejn kien hemm kumment mill-president, is-Sur Tarcisio Barbara dwar l-applikazzjoni li ressqet l-Korporazzjoni Enemalta rigward is-suġġett t'hawn fuq. Fl-istess artiklu, is-Sur Barbara kkritika r-rappreżentazzjonijiet verbali li saru mis-Sindku quddiem il-Kummissjoni dwar il-Kontroll tal-Iżvilupp tal-MEPA, fejn stqarr li ma kienx qiegħed hemm biex jiddefenti l-illegalitajiet - b'referenza ċara għall-*boathouses*.

19.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li l-posizzjoni tal-*boathouses* qatt ma kellha tidħol fil-konsiderazzjoni ta' din l-applikazzjoni. Huwa kkummenta wkoll li r-rappreżentazzjonijiet li saru mill-Enemalta kienu fjakki u messu sar aktar enfasi dwar il-pressjoni li qed issirilha minn dawk li għandhom proprjeta` b'mod legali, bħalma huwa bdiewa, raħħala, sidien ta' ristoranti u lukandi.

19.4. Is-Sur R. Cutajar qal li l-iskop tal-intervent tiegħu kien proprju biex jiddefendi l-interessi ta' min kien qiegħed jaqla' l-għejxien tiegħu jew investa f'negozju b'mod leġittimu. Kompla jgħid li ma kienx ikun korrett kieku ħa linja favur minn bena mingħajr permess. Min-naħa l-oħra, huwa sostna li ma jaqbilx mad-deċiżjoni meħuda mill-MEPA, għaliex din ser isservi biex tiskoraġixxi l-investiment fiż-żona in kwistjoni.

## 20.1. Proġett ta' Ġnien Ħidmet il-Volontarjat (P/4/23/Vol III)

20.2. Is-Sindku aċċenna għall-proġett imsemmi li għandu ma jistax jingħalaq għal kollox, peress li kien hemm waħda mir-rampi kellha pendil ftit aktar minn 1:20, liema diskrepanza ġiet imneħħija mill-kuntrattur. Għaldaqstant intalab appuntament ma' uffiċjal mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'diżabilita` biex jiċċertifika dan. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li l-permess maħruġ mill-MEPA kien jesiġi li għandhom jsiru *pedestrian crossings* fuq kull naħa tal-ġnien. Dawn fil-fatt saru, iżda Transport Malta kienet għadha ma ċċertifikathomx, peress illi qed jikkontendu li tnejn minnhom huma perikolużi peress li jinsabu qrib garaxxijiet. Uffiċjal minn Transport Malta kellu jispezzjoni l-post, flimkien mal-perit tal-Kunsill sabiex jaraw jinstabx rimedju.

20.3. Is-Segretarju spjega li hekk kif jingħelbu dawn iż-żewġ problemi, jkun jista':

- Jinħareġ il-*Compliance Certificate* mill-MEPA;
- Issir applikazzjoni għall-provvista tal-elettriku;

- Issir talba għall-ħlas tal-bilanċ dovut skont il-ftehim ta' finanzjament taħt il-Fond għat-Titjib Urban (*UIF*); u
- Jitkompla x-xogħol fuq is-sistema tal-irrigazzjoni u l-*water feature*.

**21.1. *Park and Ride* fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi (P/5/8/Z)**

21.2. Is-Sindku rrefera għall-wesgħa konfinanti minn Triq l-Iżbark tal-Franċiżi, Triq Ħalq iċ-Ċawl u Triq il-Fortizza. Huwa qal li fil-futur din l-art tista' tiġi żviluppata għall-bini bil-possibilta` togħla erba' sulari, liema għoli joħloq dehra kerha meta wieħed iħares minn Triq Lewis Wettinger jew mid-direzzjoni ta' Selmun. Huwa aċċenna għall-fatt li dan il-post qed jiżviluppa f'ċentru importanti bl-introduzzjoni tal-*interchange* tal-karozzi tal-linja, fejn wieħed jista' jħalli l-vettura u jaqbad tal-linja. Is-Sur R. Cutajar qal li tħabbar ukoll illi l-bini ta' dak li qabel kien il-Belleview ser jitwaqqa' u minfloku ser jinbena kumpless ta' ħwienet. In vista ta' dawn l-iżviluppi, wieħed jara l-ħtieġa ta' aktar spazju għall-ipparkjar fiż-żona.

21.3. Il-Kunsill qabel li għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet mad-Dipartiment tal-Artijiet f'dan is-sens.

**22.1. Devoluzzjoni tal-Forti Campbell (A/6/7/Vol II)**

22.2. Is-Sindku għarraf li huwa ġie kkuntattjat minn persuna Ingliża li għaddielu dokument dwar il-fortizza msemmija, bil-għan li tkun tista' tintwera lill-pubbliku fl-istat meta kienet għadha tintuża. Huwa għalhekk issuġġerixxa li terġa' tiġi rijattivata l-applikazzjoni li kienet saret fl-2011.

22.3. Is-Segretarju fakkar li l-applikazzjoni kienet inżammet pendenti, peress li ma kienux ingħataw dettalji dwar kif huwa propost li jintuża l-post, kif ukoll il-pjan finanzjarju relatat.

22.4. Il-Kunsill qabel li terġa ssir talba lid-Dipartiment tal-Artijiet.

**23.1. Vandaliżmu fi Ġnien il-Pellegrini (K/6/3/Vol III)**

23.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi ġibed l-attenzjoni għall-vandaliżmu u l-istat ħażin li jinsab fih dan il-post.

23.3. Kien hemm qbil li l-*Contracts Manager* għandu jintalab jagħmel rapport dwar l-istat tal-post, kif ukoll l-azzjoni li trid tittieħed.

**24.1. Stat perikoluż tat-taraġ fi Triq San Publiju (D/3/1/Vol V)**

24.2. Inġibdet l-attenzjoni dwar l-istat perikoluż tat-turġien u partikularment ir-rampa li hemm fi Triq San Publiju bejn Triq it-Tramuntana u Triq il-Parroċċa, fejn anke kien hemm inċidenti li jinvolvu *pedestrians*.

24.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jsir *survey* tal-parti tat-triq imsemmija, bil-għan li tkun tista' titfassal pjanta mill-*Contracts Manager* u ssir applikazzjoni lill-MEPA f'każ li din tkun meħtieġa.

**25.1. Postijiet tal-ikkampjar ġewwa l-Aħrax (C/4/Vol III)**

25.2. Is-Sindku għarraf li fid-dawl tal-pubblikazzjoni imminenti li jitħabbar l-avviż dwar il-ftuħ tal-istaġun tal-kaċċa waqt ir-rebbiegħa, m'humiex jingħataw permessi għall-ikkampjar minn ħafna żmien qabel. Dan jaffettwa biss iż-żona li tiġi biswit Triq Daħlet ix-Xmajjar u minflok qed tiġi offruta l-alternattiva tal-Qortin it-Twil. Kif sar fis-sena preċedenti, dan qed isir għal perjodu limitat sabiex ma jinħoloqx nuqqas ta' siġurta` għal min imur jikkampja.

25.3. Is-Sur R. Cutajar aċċenna wkoll għal kwantita` ta' skart li qed jitħalla mxerred mal-postijiet kollha. Huwa ppropona li tinġieb *skip* sabiex jitnaqqas dan l-abbuż.

25.4. Il-Kunsill approva l-miżura ta' siġurta` li qed tittieħed, filwaqt li ddeċieda li l-kuntrattur responsabbli mit-tindif taż-żona għandu jintalab iqiegħed *skip* fuq il-post fi tmiem-il ġimgħa biss, għar-raġuni li b'hekk anke jetħafef it-tindif tal-post.

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fid-9.30 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 10 ta' April 2012, fis-7.00pm.

Robert Cutajar
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**